MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1289/2002

**Emanuel Lungaro u Salvina Lungaro.**

**-vs-**

**(a)Dar tal-Providenza,**

**U**

**(b)Rosario Carabott li b'nota tat-23 ta' Ottubru 2002 accetta l-bandu biex jidher bhala kuratur tal-eredi mhux maghrufa ta' Marianna Carabott.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-14 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ konvenju iffirmat fis-17 ta’ April 2002, Marianna Carabott, obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lil Emmanuel Lungaro u martu Salvina Lungaro li accettaw u obligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw id-dar f’Marsaxlokk, fi Triq il-Kuncizzjoni numru tmintax (18) bil-prezz ta’ hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) li minnhom l-atturi gia hallsu s-somma ta’ elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500) fuq l-istess konvenju. *Kopja konvenju Dok. A.*

Illi l-kuntratt finali kellu jsir fi zmien sitt (6) xhur mid-data tal-istess konvenju u ghalhekk sal-sbatax (17) ta’ Ottubru 2002.

Illi Marianna Carabott mietet fit-2 ta’ Gunju 2002 qabel ma lahaq sar l-att finali *kopja certifikat mewt Dok. B.*

Illi bl-ahhar testament taghha, ricevut minn Nutar Pierre Cassar fil-3 ta’ April 1997 *kopja Dok. C u ricerki testamentarji Dok. D u Dok. E*, Marianna Carabott nominat id-Dar tal-Providenza bhala eredi universali taghha.

Illi jidher li hemm xi qraba li jsostnu li Marianna Carabott ma kienitx mentalment kapaci fil-mument meta ghamlet it-testament skond kif jidher minn korrispondenza skambjata bejn Dr. Paul Mallia u n-Nutar Carmelo Lia fit-23 ta’ Ottubru 2002, *kopja Dok. F.*

Illi minkejja l-ittra ufficjali prezentata fl-14 ta’ Ottubru 2002, *kopja Dok. G*, il-konvenuti jew min minnhom, ma resqux ghall-att finali u ghalhekk ghadda inutilment it-terminu tal-artikolu 1357 Cap 16.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tistabilixxi min huma l-eredi jew is-successuri fit-titlu tal-imsemmija Marianna Carabott rigward il-fond 18, Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk.

2. Tikkundanna l-istess successur/i fit-titlu jersaq/jersqu ghall-kuntratt finali ghall-bejgh tal-fond f'Marsaxlokk, fi Triq il-Kuncizzjoni numru tmintax (18) bil-pattijiet u kundizzjonijiet kif miftiehma fil-konvenju tas-17 ta' April 2002..

3. Tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali permezz tan-Nutar Joseph R. Darmanin (li kien tqabbad mill-atturi ghall-konvenju) u tappunta rapprezentant ghal kull eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-14 ta' Ottubru 2002 kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-30 ta' Jannar, 2003 li permezz taghha l-konvenut Rosario Corabott eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti jirrileva illi huwa qieghed jidher fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi f'ismu u kif awtorizzat minn hutu Joseph, Carmelo, Anthony u Nazzarenza mart John Polidano, ahwa Carabott, eredi prezunti u werrieta skond il-Ligi f'kaz ta' successjoni *ab intestato*, ta' l-imsemmija Mary Anne sive Marianna Carabott.

2. Illi l-istess eccipjenti u hutu qeghdin, kontestwalment ma' dan l-Att jipprezentaw Citazzjoni fl-ismijiet **Nazzarena mart John Polidano, Rosario, Joseph, Carmelo u Anthony, ilkoll ahwa Carabott vs Vincent**

**Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' Ekonomu in rapprezentanza tad-Dar tal-Providenza** li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. RC1, fejn huma qeghdin formalment jikkontestaw il-validita' tat-testment ta' Mary Anne Carabott tat-3 ta' April 1997 u dan stante illi kif ghandu debitament jirrizulta, fiz-zmien illi sar l-imsemmi testment it-testatrici Mary Anne Carabott ma kienitx f'sensiha u ma kellhiex il-kapacita' mentali rikjesta mil-Ligi sabiex tiddisponi minn gidha.

3. Illi salv ghall-fuq premess, l-eccipjenti fil-kwalita' tieghu fuq premessa, kien diga' indika, permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru 2002, li kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. RC2, illi huwa u hutu kienu disposti illi jersqu u jaddivjenu ghall-kuntratt ta' bejgh finali kif mitlub fit-talbiet attrici, izda minhabba l-ezistenza tat-testment imsemmi tat-3 ta' April 1997, ma kienux fil-pozizzjoni legali illi jaghmlu dan u ghadhom ma humiex f'tali pozizzjoni legali sakemm jigu decizi definittivament il-proceduri minnhom ipprezentati, kif fuq imsemmi.

4. Illi ghalhekk l-eccipjenti fil-kwalita' tieghu kif indikata fl-ewwel eccezzjoni, filwaqt illi jirrileva illi hemm lok ghas-soprasessjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sakemm jigu decizi l-proceduri su-riferiti fl-ismijiet **Nazzarena mart John Polidano, Rosario, Joseph, Carmelo u Anthony, ikoll ahwa Carabott vs Vincent Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' Ekonomu in rapprezentanza tad-Dar tal-Providenza**, jaderixxi ruhu mat-tieni u t-tielet talbiet attrici, u jeccepixxi illi f'dan il-kaz, m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-27 ta' Marzu, 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta Dar tal-Providenza eccepixxiet:

1. Preliminarment li c-citazzjoni saret hazin u ghandha tigi michuda fil-konfront tad-Dar tal-Providenza billi din id-Dar m'ghandhiex personalita' gjuridika imma bhala enti ekklesjastika djocesana taqa' taht l-awtorita' ta' l-Arcisqof u Hu kellu jitharrek fil-persuna ta' l-Ekonomu tieghu, Vincent E. Ciliberti.

2. Illi bla hsara tal-premess, l-eccipjent nomine ma resqitx ghall-att finali tal-bejgh tad-dar f'Marsaxlokk (18, Triq il-Kuncizzjoni) billi t-testment ta' Marianna Carabott, li jikkostitwixxi t-titolu tad-Dar tal-Providenza, gie attakkat fuq il-motiv li t-testatrici allegatament ma kienitx "compos juris" meta ghamlet it-testment li bih innominat lid-Dar tal-Providenza eredi universali taghha (ara citazzjoni ga ntavolata fl-ismijiet "Nazzarena Polidano et vs Vincent E. Ciliberti nomine"). Il-kawza odjerna ghalhekk – salva d-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni – ghandha tistenna l-esitu finali ta' din l-ahhar imsemmija kawza.

3. Ovvjament f'kull kaz id-Dar tal-Providenza m'ghandhiex tbati ebda spejjez billi hi kienet mizmuma milli tagixxi taht it-testment imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza taghha tal-10 ta' Mejju, 2004 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidat.

Illi l-Qorti qed tigi mitluba tistabilixxi min huma l-eredi ta' Marianna Carabott u tikkundannhom jersqu ghall-kuntratt definittiv wara li kien sar konvenju bejn il-mejta u l-atturi ghall-bejgh tal-fond imsemmi. Naturalment l-atturi ghamlu l-ewwel talba ghaliex kienu jafu li ghalkemm Marianna Carabott halliet lid-Dar tal-Providenza bhala werrieta, qraba tal-mejta istitwew proceduri biex jannullaw it-testment in kwistjoni, liema proceduri ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Il-Qorti pero' ma thossx illi hija tista' tiddeciedi min huma l-werrieta tal-mejta ghaliex kif gia' inghad hemm pendenzi bejn il-partijiet interessati. Madankollu l-atturi qed iharrku kemm lid-Dar tal-Providenza u kemm kuraturi biex jirrapresentaw il-wirt tal-mejta u kwindi l-kawza tista' tigi deciza xorta minghajr mal-Qorti tiddeciedi f'din l-istanza min huma l-vera werrieta.

Stabblit dan il-Qorti ma baqghalha ebda ostakolu biex tiddeciedi l-kawza. Il-konvenju sar fis-17 ta' April, 2002 u billi Carabott lahqet mietet fit-2 ta' Gunju tal-istess sena l-atturi baghtu l-ittra ufficjali ai terminu tal-Kap 16 fl-14 ta' Ottubru, 2002 u ghalhekk entro' s-sitt xhur li kien validu l-konvenju.  Ghalhekk it-talba attrici tishoqq li tigi milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, tilqa' t-talbiet l-ohra tal-atturi u tikkundanna l-konvenuti biex jersqu ghall-kuntratt finali tal-bejgh tal-fond numru tmintax (18), Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk bil-pattijiet u kondizzjonijiet kontenuti fil-konvenju msemmi, u tordna li l-pubblikazzjoni tal-att imsemmi issir minn Nutar Joseph R Darmanin fil-5 ta' Jannar, 2005 f'nofs in nhar fl-edificcju tal-Qorti u tinnomina lill-Avukat Dottoressa Norma Vella bhala kuratrici tal-kontumaci.**

**Spejjes jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u l-kumplament mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------